# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-13 ta' Diċembru 2018 – UP vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-706/17)**

"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Marda gravi – Talba għal żmien parzjali fuq bażi medika – Ċaħda tat-talba – Prinċipju ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà – Dritt għal smigħ – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Dmir ta' premura – Responsabbiltà"

1. *Rikorsi tal-uffiċjali – Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment – Effett – Att ikkontestat irreferut quddiem il-qorti – Eċċezzjoni – Deċiżjoni li ma għandhiex natura konfermattiva – Teħid inkunsiderazzjoni tal-motivazzjoni li tinsab fiha*

   *(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)*

   *(ara l-punti 12-14)*

2. *Uffiċjali – Ugwaljanza fit-trattament – Diskriminazzjoni – Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni – Diżabbiltà – Obbligu biex jiġu pprovduti arranġamenti raġonevoli fil-qasam tal-impjieg – Portata – Għoti taż-żmien parzjali fuq bażi medika – Trattament identiku tal-persuni li jbatu minn diżabbiltà u ta' dawk li ma jbatux minnha – Assenza ta' diskriminazzjoni*

   *(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 21; Regolamenti tal-Persunal, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1d(1), u Artikolu 4; Direttiva tal-Kunsill 2000/78, premessa 20 u Artikolu 5)*

   *(ara l-punti 25-28, 33, 34, 46, 47)*

3. *Uffiċjali – Prinċipji – Drittijiet tad-difiża – Obbligu li l-persuna kkonċernata tinstema' qabel l-adozzjoni ta' att li jikkawżalha preġudizzju – Portata*

   *(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2)(a))*

   *(ara l-punti 51-55)*

4. *Uffiċjali – Dmir ta' premura tal-amministrazzjoni – Portata – Limiti*

   *(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41)*

   *(ara l-punti 59-61)*

5. *Uffiċjali – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet – Kundizzjonijiet – Illegalità – Dannu – Rabta kawżali – Kundizzjonijiet kumulattivi*

   *(It-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE)*

   *(ara l-punt 72)*

6. *Rikorsi tal-uffiċjali – Rikors għad-danni ppreżentat fl-assenza ta' proċedura prekontenzjuża skont ir-Regolamenti tal-Persunal – Inammissibbiltà*

   *(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)*

   *(ara l-punti 76-79)*

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 li tiċħad li tagħti lir-rikorrenti żmien parzjali fuq bażi medika u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni materjali u morali li r-rikorrenti allegatament ġarrbet.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) UP għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.